## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 49/2023: **DELUXE BATHROOMS LIMITED (C95885) V. JEREMY ALAMANGO (KI. 471094M) U B'DIGRIET TAL-5 TA' FRAR 2024 ĠIET KJAMATA IN KAWŻA MANDY FARRUGIA (KI. 184697M)**

(IL-ĦTIEĠA ILLI MIN JEĊEPIXXI IL-PRESKRIZZJONIJIET QOSRA JAGĦMEL MINN JEDDU D-DIKJARAZZJONI MAĦLUFA TAĦT L-ART. 2160(1) TAL-KAP. 16 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA – KIF JINKISER IT-TERMINU TAL-PRESKRIZZJONI – SABIEX IL-PRESKRIZZJONI TIĠI INTERROTA JEW SOSPIŻA FIL-KONFRONT TAL-KJAMAT IN KAWŻA JEĦTIEĠ ILI DAN JIĠI NOTIFIKAT BID-DIGRIET TAL-KJAMATA IN KAWŻA U BL-ATTI TAL-KAWŻA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Mejju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Deluxe Bathrooms Limited (imsejjħa "ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fit-23 ta' Frar 2023[1] li permezz tiegħu talbet lil Jeremy Alamango (msejjaħ "l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat:

> **'jħallas l-ammont ta' tmient elef tlett mija u erbgħin euro (€8,340) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-ħlas, liema ammont hu rappreżentanti ħlas tal-bilanċ dovut fuq xiri ta' għamara tal-kamra tal-banju u dan skond l-*invoices* mmarkati bħala Dok A.**
>
> **Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 166A 5/2023 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 15/2023 ppreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)'**

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fit-13 ta' April 2023[2] li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

> **'Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-esponenti ma gie konsenjat l-ebda oggett minn dak li kienet saret l-ordni dwaru;**

[1] Fol 1-5
[2] Fol 13

**Illi l-esponenti tilef id-depozitu a favur s-socjeta' attrici stante li ma kienx f' posizzjoni li huwa u l-ex tfajla tieghu jkomplu bl-ordni stante li ma baqghux flimkien;**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ordni ma saritx minn Jeremy Alamango izda flimkien mal-ex tfajla tieghu u ghalhekk din ghandha tigi kjamata in kawza. Huma ma komplewx bl-ordni li ghamlu ghaliex ma baqghux flimkien.**

**Salvi eccezzjonjiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.'**

wara li rat li fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 il-Qorti laqgħet it-talba magħmula mill-intimat *per via d'eccezione* sabiex tiġi kjamata in kawża Mandy Farrugia (msejjħa "il-kjamata in kawża")[3],

wara li rat ir-risposta ppreżentata mill-kjamata in kawża fl-20 ta' Marzu 2024[4] li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

**'1. Illi fil-kawza odjerna l-intimat Jeremy Alamango eccepixxa:**

> ***Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ordni ma saritx minn Jeremy Alamango izda flimkien mal-ex tfajla tieghu u ghalhekk din ghandha tigi kjamata in kawza. Huma ma komplewx bl-ordni li ghamlu ghaliex ma baqghux flimkien.***

**2. Illi fis-seduta li nzammet fil-5 ta' Frar tas-sena 2024, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-kjamat in kawza tal-esponenti.**

**3. Illi fl-ewwel lok, fuq linea preliminari, l-esponenti mhijiex legittimu kontradittur fil-kawza odjerna u ma kellhiex tigi kjamata fil-kawza ghaliex ma tistax titqies bhala responsabbli sabiex thallas l-ammont, jew parti mill-ammont, pretiz mis-socjeta' attrici, u dan gialadarba li hija ma ghamlet l-ebda ordni ta' ghamara tal-kamra tal-banju minghand is-socjeta' attrici u ma iffirmat l-ebda invoice jew kuntratt mal-istess socjeta'.**

**4. Illi fit-tieni lok, fuq linea preliminari ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe azzjoni fil-konfront tal-esponenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b)[5] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante illi fir-rigward ta' din il-vertenza, mill-4 ta' Frar 2022 (meta saret l-ordni tal-materjal) 'il hawn, hi qatt ma giet debitament notifikata b'atti gudizzjarji li setgħu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni fil-konfront tagħha mill-ebda waħda mill-partijiet, u wisq inqas mill-atturi, u l-anqas ma jirrizulta xi interruzzjoni ta' kwaliasi xorta ohra ta' terminu preskrittiv.**

**5. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghaliex qatt ma giet konsenjata l-ghamara tal-kamra tal-banju mertu tal-kawza, lill-esponenti;**

**6. Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.**

**7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'**

---

[3] Fol 25
[4] Fol 37-38
[5] L-artikolu kien oriġinalment jaqra 2148 iżda permezz ta' korrezzjoni ordnata mill-Qorti fis-27 ta' Mejju 2024 dan ġie jaqra 2148(b).

wara li rat li fis-seduta tat-22 ta' April 2024 il-Qorti *inter alia* ddiferiet il-kawża sabiex il-partijiet jressqu l-provi tagħhom u jittrattaw dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-kjamata in kawża[6],

wara li semgħet ix-xhieda, qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom u rat id-dokumenti esebiti fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni,

qed tagħti din is-

## Sentenza parzjali

1. F'din il-kawża r-rikorrenti qed titlob li l-Qorti tikkundanna lill-intimat jħallasha s-somma ta' €8,340 rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' għamara tal-kamra tal-banju mibjugħa lilu. L-intimat wieġeb li huwa m'għandu jagħti xejn għaliex ir-rikorrent ma kkonsenjatlu xejn, li huwa tilef id-depożitu magħmul lilha peress illi hu u l-ex tfajla tiegħu, li flimkien magħha kien għamel l-ordni, ma baqgħux flimkien. Wara li ġiet kjamata in kawża Mandy Farrugia, din wieġbet preliminarjament illi l-ammont pretiż huwa preskritt fil-konfront tagħha ai termini tal-Art. 2148(b) tal-Kap. 16.

2. Skond l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap għaliha, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Stante illi l-akkoljiment ta' eċċezzjoni ta' din in-natura għandha bħala effett tagħha l-estinzjoni tal-proċeduri, jagħmel sens għall-ekonomija tal-ġudizzju li din il-Qorti tiddeċiedi fuqha qabel ma' tisma l-provi fuq il-mertu tal-istess kjamata in kawża.

3. Il-preskrizzjoni hija mezz li permezz tagħha jista' jiġi akkwistat dritt jew inkella jintilef dritt t'azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għaż-żmien li tgħid il-liġi. Il-periodu preskrittiv iżda jista` jiġi interrott jew sospiż u inoltre meta dan ikun iddekorra jista` jkun hemm rinunzja, kemm espressa kif ukoll taċita, għall-effetti ta' dik il-preskrizzjoni b'mod li d-dritt hekk mitluf jiġi ravvivat[7].

4. Kif ġieli intqal mill-Qrati tagħna, hija regola ewlenija li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti kontra minn tkun tqajmet din l-eċċezzjoni tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti eċċipjenti billi tmeri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. F'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti. Din ir-regola ewlenija trid tinqara wkoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16.

[6] Fol 40
[7] **Albert Mizzi noe. v. John Mousu pro. et. noe.** (16/04/2004, Appell Ċivili Numru. 1062/1989/1)

5. Għal ħafna snin, arma oħra li kien ikollha l-parti li kontra tagħha tkun tqajjmet din l-eċċezzjoni kienet dik tal-ġurament deċiżorju li permezz tiegħu dik il-parti setgħet *in extremis* tiddiferixxi l-ġurament lill-eċċipjent sabiex dan jiġi sfurzat jieħu l-pedana tax-xhieda biex iwieġeb taħt ġurament li m'huwiex debitur jew li ma' jiftakarx jekk il-kreditu pretiż ġiex imħallas. Il-manuvra ma' kienetx mingħajr perikli però peress illi f'każ illi d-debitur kien iwieġeb fin-negattiv, il-parti li kontra tagħha tkun tqajjmet il-preskrizzjoni kienet titlef kull ċans ieħor sabiex iġġib fix-xejn dik l-eċċezzjoni. Dan għaliex bil-fatt biss illi d-debitur jkun wieġeb fin-negattiv (ossia li jew m'huwiex debitur jew li ma' jiftakarx jekk il-ħaġa tħallsitx) kien iġib miegħu l-prova konklussiva jew deċiżorja tal-preskrizzjoni u l-kreditur ma' kienx ikun jista' jsaqsi domandi jew iressaq provi oħra.

6. Bl-introduzzjoni baxx baxx u mingħajr dibattitu tal-Att I tal-2017 kif emendat bl-Att VII tal-2017 l-ġurament deċiżorju ħa xorta oħra billi issa taħt l-Art. 2160(1) l-obbligazzjoni taqa' fuq minn jeċċepixxi l-preskrizzjoni taħt l-Art. 2147, 2148, 2149, 2156 jew 2157 tal-Kap. 16 b'dan illi l-eċċipjent irid **<u>minn jeddu</u>** u biex iżomm ħajja l-istess eċċezzjoni, jiddikjara taħt ġurament illi m'huwiex debitur jew li ma' jiftakarx jekk il-kreditu pretiż ġiex imħallas. Inoltre taħt l-Art. 2160(2) f'każ li l-eċċipjent ikun eredi ta' persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur jew l-eċċipjent jkollu l-jeddijiet tiegħu ġejjin minn persuna li tagħha huwa eredi, dan jeħtieġlu jiddikjara li ma jafx li l-ammont mitlub għandu jingħata:

> **'2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.**
>
> **(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.**
>
> **(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.'**

7. Anke wara li ssir din id-dikjarazzjoni bil-ġurament, il-parti li kontra tagħha tkun tqajjmet din l-eċċezzjoni tkun tista' tressaq provi oħra sabiex tipprova xxejjen il-preskrizzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>P&S Limited v. Noel Zammit et</u>** (16/02/2018, Rik Nru 279/2017 TA) ingħad hekk mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:

> "Fit-tieni lok, kuntrarjament għal kif kienet is-sitwazzjoni qabel l-emendi, illum, infetaħ bieb li minnu daħlet l-opportunita' għall-Attur biex ikun jista' jagħmel il-kontro-eżami lill-Konvenut, bil-benefiċċji kollha li tista' ġġib magħha l-proċedura tal-kontro-eżami. "

8. Mhux l-istess jista' jingħad għall-eċċipjent jekk jonqos milli jagħmel dak dispost taħt l-Art. 2160(1) għaliex f'dak il-każ huwa jitlef id-dritt darba għal dejjem illi jibqa' jeċċepixxi l-preskrizzjoni sollevata minnu.

9. Fis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Stephen Muscat nomine et v. Nicholas Grima et**." (Rik. Nru. 761/16 GM, deċiża 2 ta' Settembru 2020), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk fuq dan is-subartikolu:

> "Illi mill-promulgazzjoni tal-Kodiċi Ċivili sal-Att numru I tas-sena 2017, l-Art. 2160 kien joħloq u jirregola l-ġurament deċiżorju, mogħti mill-pretiż kreditur lill-allegat debitur, abbażi ta' domanda uniku u preċiża: jekk huwiex debitur, jew jekk jiftakarx li l-ħaġa ġietx imħallsa. Id-debitur kellu jwieġeb dawn id-domandi skont il-formola, u xejn iżjed. Il-kreditur ma setax jistaqsi domandi oħrajn flimkien jew wara din id-domanda. Jekk id-debitur iwieġeb fin-negattiv, allura l-preskrizzjoni tkun ġiet ippruvata. Effettivament id-debitur ikun ġie ttrasformat f'ġudikant tiegħu nnifsu. It-tweġiba kienet tkun tassew waħda deċiżorja għax taqta' l-kwistjoni irrispettivament jekk id-debitur ikunx qiegħed jigdeb jew jgħid il-verita jew jekk il-ġudikant jemmnux jew le. Illi permezz tal-Att I tal-2017 (li b'għaġġla kbira reġa' ġie emendat bl-Att VII.2017), il-ġurament ikkontemplat fl-Art. 2160 għadda minn vera u proprja metamorfosi, għaliex tbiddlet in-natura tiegħu. Ma baqax jitratta ġurament deċiżorju, li kien isir b'għażla tal-kreditur u a riskju tiegħu minħabba li t-tweġiba kellha effett probatorju assolut u awtomatiku li ma setax jiġi mpunjat. Il-ġurament li l-konvenut mhux debitur issa ma jingħatax mill-pretiż kreditur a xelta tiegħu, imma mill-allegat debitur bilfors u fuq inizjattiva tiegħu stess bħala element kostituttiv tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi. Il-ġurament ma baqax deċiżiv għaliex id-debitur li jkun ħadu jista' jiġi assoġġettat għall-kontro-eżami: Dak li kien ġurament deċiżorju, illum, mhux bilfors baqa' deċiżorju. Jista' jkun li ġie reż fi prova bħal kull prova oħra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretenzjoni fil-kawża.
>
> Illi filwaqt li fl-Art. 2160 oriġinali, l-istqarrija tal-konvenut riedet issir meta jiġi deferit lilha l-ġurament (u dan bilfors kellu jkun hekk) fl-Art. 2160 kif issa emendat, il-ġurament li mhuwiex debitur jista' jittieħed f'kull waqt tal-kawża"

10. Kif ingħad, il-kjamata in kawża eċċepiet il-preskrizzjoni taħt l-Art. 2148(b) tal-Kap. 16 li jipprovdi kif ġej:

> **'2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:**
>
> **...**
>
> **(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut'**

11. Qabel ma' l-Qorti tidħol fil-mertu ta' jekk l-Art. 2148(b) għandux japplika għat-talba tal-kumpanija rikorrenti, trid ta' bilfors tinvesti ruħha fil-materja kruċjali tal-

ġurament kontemplat taħt l-Art. 2160, li kif ingħad huwa meħtieġ sabiex il-preskrizzjoni qasira sollevata tinżamm ħajja.

12. F'dan il-każ, il-kjamata in kawża bħala l-eċċipjent tal-preskrizzjoni kellha għalhekk qabel xejn ai termini tal-Art. 2160(1) u (2) tal-Kap. 16 tiddikjara taħt ġurament illi hija m'hijiex debitriċi tal-kumpanija rikorrenti **jew** illi ma tiftakarx jekk l-ammont mitlub kienx tħallas.

13. Fix-xhieda tagħha mogħtija fis-27 ta' Mejju 2024, il-kjamata in kawża **Mandy Farrugia** kienet konċiża u preċiża fid-dikjarazzjoni tagħha illi hija m'hijiex debitriċi tal-kumpanija rikorrenti. B'hekk hija żammet ħajja l-preskrizzjoni sollevata minnha.

14. It-talba tar-rikorrenti hija b'mod ċar talba għall-ħlas ta' oġġetti mobbli mibjugħa bl-imnut. Għalhekk il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar taħt l-Art. 2148(b) tal-Kap. 16 hija tabilħaqq applikabbli għall-azzjoni spedita mir-rikorrenti.

15. Il-fatturi mertu tal-kawża nħarġu fl-4 ta' Frar 2022 u huma elenkati fi prospett datat 5 ta' Frar 2022.[8] Għalhekk, salv dak li ser jingħad sussegwentement, l-azzjoni għall-ħlas tagħhom kellha taqa' preskritta bit-trapass taż-żmien b'effett mill-5 ta' Awwissu 2023. Il-kawża odjerna infetħet kontra l-intimat fit-23 ta' Frar 2023 iżda l-kjamata in kawża ġiet notifikata biha fid-9 ta' Marzu 2024.

16. Il-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 2127 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi x' inhuma ċ-ċirkostanzi li permezz tagħhom jista' jinkiser it-terminu tal-preskrizzjoni u dawn jinkludu *inter alia*:

- It-talba bl-att ġudizzjarju nnotifikat lid-debitur (Artikolu 2128 tal-Kap. 16)[9].
- L-għarfien tal-jedd tal-parti li kontra tagħha hu għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni (Artikolu 2133 tal-Kap. 16)[10] .
- Il-ħlas akkont (Artikolu 2134 tal-Kap. 16)[11].

17. Fil-każ in eżami, ma tressqu l-ebda provi minn min kellu jxejjen l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni inkiser b'xi waħda miċ-ċirkustanzi fuq imfissra.

---

[8] Fol 2-5

[9] **2128. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom**

[10] **2133. Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja**

[11] **2134. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih.**

18. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet: **Muhiddin Ahmed Ibro v. Greenlines Environmental Limited et.** (PA, 10/01/2022, Rik 546/09 TA):

> "Fil-każ ta' kjamat in kawża, biex interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni tkun effettiva huwa meħtieġ li l-kjamat ikun notifikat bid-digriet tal-kjamata u l-atti tal-Kawża (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Maġ. Marsenne Farrugia tat-30 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet Middlesea Insurance plc -vs -Carmen Mizzi et**). Il-Qorti tfakkar, li l-kjamat in kawża jitqies bħala parti għall-Kawża anke jekk fil-mument tal-introduzzjoni tagħha ma kienx parti oriġinali għaliha."

19. Għalhekk jidher ċar illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta fil-konfront tal-kjamata in kawża ai termini tal-Art. 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

**20. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni (abbażi tal-Art. 2148(b) tal-Kap. 16) sollevata mill-kjamata in kawża u tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu fil-konfront tal-intimat. L-ispejjeż ta' din l-istanza huma riservati għall-ġudizzju finali.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur